Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 57/14

**Christian Borg (appellant)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (appellata)**

23 ta' Ottubru, 2018

1. Fit-28 ta' Lulju, 2014, l-appellant ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn talab ir-revoka ta' *penalty points* li gew impost fuqu minhabba kontravenzjonijiet tat-traffiku u jinghata lura l-licenzja tas-sewqan.

2. L-appellanti pprezentat ir-risposta taghha fil-11 ta' Awwissu 2014, fejn issottomettiet li t-talba tal-appellat kienet infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Awtorita' kienet imxiet skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 38 *et sequitur* tal-L.S. 65.18, u ghalhekk tali talba kellha tigi michuda.

3. It-Tribunal iddecieda l-kaz fis- 27 ta' Settembru 2016, wara li fis-seduta tad- 9 ta' Jannar 2015, kien qajjem *ex officio* l-eccezzjoni tat-tardivita' tal-appell, fejn ikkunsidra:

*"Illi dan it-Tribunal irrifletta fit-tul fuq il-kwistjoni u ha in konsiderazzjoni dak li ddepona dwaru l-konsulent legali tar-rikorrent. Illi t-terminu li fih persuna aggravata ghandha dritt tappella minn decizjoni tal-Awtorita' intimata li permezz taghha tirrevoka licenzja tas-sewqan huwa ta' ghoxrin gurnata. Illi jirrizulta illi r-rikorrent certament ircieva l-ewwel ittra tal-Awtorita' intimata li permezz taghha gie mgharraf bir-revoka tal-licenzja qabel l- 1 ta' Novembru 2013 stante li mill-atti jirrizulta illi f'tali data l-konsulent legali tar-rikorrent, Dr. Louis Bianchi, kiteb lill-Awtorita' intimata b'risposta ghall-ittra tal-istess Awtorita'. Illi certament, allura,mill-ewwel decizjoni tal-Awtorita' intimata fejn giet revokata l-licenzja ghaddew hafna aktar mill-ghoxrin gurnata stipulati mil-ligi.*

*Illi, madankollu, ir-rikorrent jikkontendi li ladarba kien hemm ghaddejin diskussjonijiet, id-decizjoni tal-Awtorita' kienet giet sospiza. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud*** *fejn ir-rikorrent f'dik il-kawza pprova jiggustifika t-tardivita' ta' l-appell tieghu minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx din l-iskuzanti u osservat "…* ***Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew,b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inverenti ghan-natura stess ta'terminu bhal dan l-inderogabilita' tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju***

***ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet…Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu njorati minn min hu msejjah biex jiggudika…".***

*Illi issa f'dan il-kaz,ir-rikorrent mhux qed jipprova jiggustifika tardivita', pero' qieghed jissottometti li t-terminu beda ghaddej minn meta rcieva l-ittra tat- 23 ta' Lulju 2014 u dan ghaliex fil-frattemp kienu qeghdin jigu skambjati xi ittra bil-ghan li tinstab soluzzjoni bonarja. Illi kif intqal fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* **Kenneth Abela vs Aplan Limited u R.V. Electronics** *deciza fis- 6 ta' Frar 2008* … "… Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat, sospiz jew interrott. …".

*Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu ir-ragunament appena citat u ghalhekk, kif intqal iktar 'il fuq, jirrileva illi terminu ta' appell ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Kieku dan it-Tribunal kellu jikkoncedi l-argumenti imressaq mir-rikorrenti, allura kull min ihossu aggravat b'decizjoni amministrativa jista' jibda jikteb l-ittri lill-istess Awtorita' biex terga' tikkonsidra d-decizjoni taghha bir-rizultat illi t-terminu ta' appell ikun wiehed indefinit, ghaliex wara li l-Awtorita' tiktiblu lura jista' jerga' jirrispondiha u jistghu jibqghu sejrin hekk* ad infinitum. *Certament din ma kinitx l-intenzjoni tal-Legislatur li meta impona t-terminu ta' appell ried li jistabbilixxi dik c-certezza li kull terminu jgib mieghu. Illi ghalkemm dan it-Tribunal ma jsib xejn hazin illi min ihossu aggravat jidhol fi skambji ta' ittri mal-Awtorita' koncernata bil-ghanli forsi tinstab xi soluzzjoni bonarja, min-naha l-ohra ma jistghux jigu njorati termini legali li jekk ma jigux osservati jkunu fatali f'kaz li d-diskussjonijiet li jsiru ma jwasslux ghal soluzzjoni bonarja.*

*Illi fl-ahharnett, mandankollu, dan it-Tribunal ma jistghax ma josservax illi l-indikazzjoni tal-Awtorita' intimata fl-ittra tat- 23 ta' Lulju 2014, u cioe' li r-rikorrenti kellu dritt jappella minn tali decizjoni f'dak l-istadju, setghet zgwidat lir-rikorrent u dan se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi r-rikorrentipprezenta l-appell tieghu tardivament.*

**DECIDE**

*Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jiddeciedi billi jiddikjara li l-appell gie intavolat* fuori termine *u konsegwentement hu irritu u null, u bla effett fil-ligi u ghaldaqstant jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.".*

4. L-appellant appella mis-sentenza tat-Tribunal b'rikors li pprezenta fl-14 ta' Ottubru 2016 u talab li din il-qorti,

*"joghgobha tilqa' dan l-appell billi, b'akkoljiment tal-aggravju mressaq mill-esponenti f'dan ir-rikors, tirrevoka u tannulla d-decizjoni moghtija fis- 27 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghall-iskop tat-trattazzjoni u decizjoni tal-kaz fuq il-mertu, bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata".*

5. L-appellata wiegbet fl-24 ta' Ottubru 2016 u argumentat li s-sentenza tat-Tribunal kienet wahda gusta u kienet timmerita konferma.

**Konsiderazzjoni.**

6. Dawn huma l-fatti rilevanti ghall-kaz:

   i. L-appellant ghandu negozju ta' kiri ta' vetturi u f'ismu ghandu registrati 211 il-vettura;

   ii. L-appellant wehel diversi multi relatati ma' ksur ta' regolamenti tat-traffiku meta jsostni li jkunu qeghdin jinstaqu mill-persuni li jikru l-vetturi;

   iii. Peress li l-vetturi huma registrati kollha f'ismu, l-appellant inkorra numru ta' punti bhala penali. Il-massimu ta' punti penali, li kien ta' tnax-il punt, intlehaq fis-6 ta' Frar, 2013. Dan wassal lill-appellata sabiex tirrevoka l-licenzja ta' sewqan tal-appellant;

   iv. F'ittra legali datata l-1 ta' Novembru, 2013 li ntbaghatet ghan-nom tal-appellant lill-Awtorita, jissemma li l-appellant wehel diversi punti ta' penali u li,

   *"The end result of all this situation, is that my client now finds himself such that **Transport Malta has informed him that they are revoking his driving licence, and that he is to sit for the test once again**. It is more than obvious that if my client were to re-sit the driving test, as Transport Malta are suggesting, he would find himself in the same present situation once again within a short time"*.

   v. Permezz ta' ittra legali tat-23 ta' Lulju, 2014 l-appellata nfurmat lid-difensur tal-appellant:

   *"Reference is made to your letter dated the 19th July, 2014 written on behalf of Christian Borg (ID no: 315493M) who is the operator of Goldcar Rental and the owner of Princess Garage of 17, Triq il-Fraxxnu, St. Julian's (as declared in the said letter).*

   *You are hereby being advised that the decision of the authority is final and this in view of the provisions of Regulation 38 et seq of Subsidiary Legislation 65.18, and this as previously advised.*

   *Your client has the right to file an appeal from the said decision in terms of the provisions of Article 40 of the Authority for Transport in Malta Act"*.

   vi. Permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju, 2014 l-appellata wiegbet ghall-ittra ufficjali tal-appellant tat-23 ta' Gunju, 2014 li biha gharrafha li kien ghadu ma rceviex twegiba ghall-ittra legali tieghu tat-23 ta' Lulju 2014. Ghalhekk interpellaha sabiex ma thassarlux il-licenza tas-sewqan peress li ma kien personalment ikkommetta l-kontravenzjonijiet tat-traffiku. Fit-twegiba l-appellata gharrfitu li t-talba tieghu kienet,

*"insostenibbli a tenur tad-disposizzjonijiet ta' Regolament 38 et seq tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18"*.

vii. Fit-28 ta' Lulju, 2014 l-appellant ipprezenta r-rikors fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

7. Licenza tas-sewqan tinhareg mill-appellata (ara *Motor Vehicles (Driving Licences) Regulations*, S.L. 65.18). Skont artikolu 2 tal-Kap. 499:

*"liċenza" tfisser u tinkludi kull liċenza jew permess li jkunu meħtieġa taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, mill-Awtorità jew minn Direttorat jew li l-Awtorità jew Direttorat huma awtorizzati jew għandhom il-poter jagħtu taħt dak l-Att jew xi liġi oħra"*.

8. Skont l-artikolu 40 tal-Kap. 499 it-Tribunal ta' Amministrazzjoni Amministrattiva ghandu, fost' affarijiet ohra, il-kompetenza sabiex jiddeciedi:

*"(a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravate b'decizjoni tal-Awtorita' li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizazzjoni, jew licenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenza"*.

9. L-appell lit-Tribunal ghandu jigi pprezentat fi, *"zmien ghoxrin gurnata meta tkun giet ricevuta d-decizjoni tal-Awtorita"*.

10. F'dan il-kaz ma gietx prezentata kopja tad-decizjoni tal-Awtorita dwar ir-revoka tal-licenza tas-sewqan tal-appellant, li suppost giet notifikata lill-appellant. Pero' mill-provi hu evidenti li dik id-decizjoni kienet ittiehdet u giet notifikata lill-appellant. Fatt li jirrizulta bl-iktar mod car mill-ittra legali tal-appellant datata l-1 ta' Novembru, 2013. Sylvana Bartolo stess xehedet (seduta tal-31 ta' Mejju, 2016) li:

*"Meta bniedem jilhaq it-twelve points tintbaghatlu ittra awtomatika mis-sistema, d-dar tieghu. Ahna nibqghu niccejsjawh wara dik l-ittra biex igib id-driving licence. F'kaz illi ma jgibx id-driving licence ahna qed nghaddu l-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tittiehed azzjoni minn hemmhekk"*.

11. L-appellant isostni li l-ittra ufficjali tal-Awtorita' appellata tad-9 ta' Lulju 2014 u notifikata lilu fil- 11 ta' Lulju 2014, kienet isservi bhala notifika tad-decizjoni tar-revoka tal-licenzja. Pero' dak l-att gudizzjarju sar bi twegiba ghall-ittra ufficjali li l-appellant ipprezenta fit-23 ta' Gunju 2014. L-Awtorita' appellata hawn semplicement infurmat lill-appellant li t-talba tieghu ma setatx tintlaqa'. Dik l-ittra ufficjali zgur li ma kinitx id-decizjoni li biha l-appellata rrevokat il-licenza ta' sewqan tal-appellant. Decizjoni li hu evidenti li kienet ittiehdet qabel dakinhar.

12. L-appellant qed isostni wkoll li t-Tribunal naqas milli josserva l-principju ta' gustizzja naturali *audi et alteram partem, "... u dan stante li ma kkunsidrax it-*

*tezi tal-esponenti msahha bix-xhieda ta' Dr Bianchi"*. Wara li l-qorti ezaminat il-provi kollha u dak li jinghad fis-sentenza, tqies li dan l-ilment bhala nfondat. Il-qorti tosserva kif:

i. Ma jirrizultax li l-appellant xehed;
ii. Hu minnu li Dr Bianchi xehed, *"Transport Malta f'dak iz-zmien iddecidew u accettaw li kull arrangament dwar is-sospensjoni tal-licenza jigi sospiz u jsiru diskussjonijiet u jirreferu l-kaz lis-Sur James Piscopo ta' Transport Malta li huwa c-Chairman"*. Mhemm l-ebda prova dokumentarja jew xhud li jikkorabora dak li qal l-avukat Bianchi. Dan apparti li:

(a) Fl-ittra legali tal-1 ta' Novembru, 2013 li ntbaghatet mill-appellant jinghad: *"The end result of all this situation, is that my client now finds himself such that* ***Transport Malta has informed him they are revoking his driving licence, and that he is to sit for the test once again****"*. Hu ghalhekk evidenti li l-appellant ircieva d-decizjoni tal-appellata li kienet irrevokatlu l-licenza tas-sewqan. Kien f'dak iz-zmien li beda jiddekorri z-zmien li tikkontempla l-ligi sabiex l-appellant jipprezenta appell quddiem it-Tribunal. Diskussjonijiet li setghu kienu ghaddejjin bejn il-partijiet, ma jissospendux termini legali.
(b) Mid-deposizzjoni ta' Brian Farrugia, ufficjal tal-appellanti, hu evidenti li l-posizzjoni taghha dejjem kienet li l-Awtorita trid timxi skont il-ligi.

**Ghal dan il-motiv il-Qorti qeghda tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.